# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

## Illum, it-Tlieta 24 t'April, 2001.

**Kawza Nru. 40.**
**Citazz. Nru. 1814/00 JRM**

**NESTLE PRODUCTS (MALTA) LIMITED**

**vs**

**Franco BORG**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn sitt mija u tmien liri maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2608.24) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' oggetti lilu mibjugha u konsenjati;

Illi ghalkemm gie interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn sitt mija u tmien liri maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2608.24) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' oggetti lilu mibjugha u konsenjati;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' elfejn sitt mija u tmien liri maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2608.24);

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu 2000 u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn sitt mija u tmien liri maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2608 .24) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' oggetti lilu mibjugha u konsenjati;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' elfejn sitt mija u tmien liri maltin u erbgha u ghoxrin centemsu (Lm2608.24);

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Marzu 2000 u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**24 t'April, 2001.**

**-***

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 t'April, 2001.**